(d) L-għajnuna ta' flus għax-xogħlijiet approvati taħt din l-iskema m'għandhiex teċċedi l-ispiża totali u raġjonevoli tax-xogħlijiet li għandhom isiru bl-approvazzjoni tal-Awtorità tad-Djar u f'kull każ m'għandhiex teċċedi kif indikat hawn taħt:

(1) fil-każ ta' xogħlijiet ta' kamra tal-banju, il-massimu m'għandux jeċċedi s-somma ta' €5,400;

(2) fil-każ ta' tagħmir sensorjali, il-massimu m'għandux jeċċedi s-somma ta' €6,000;

10. Adaptation Cash Grant

(a) The Adaptation Cash Assistance may be granted only for the purpose of assisting the applicant in carrying out the following works or improvements, namely:

(1) Bathrooms
Removal of bath/installation of walk-in shower
Installation of adapted toilet and sink
Installation of non-slip flooring;

(2) Lifts
Installation of Stair-Lift
Installation of Platform Lift
Installation of Passenger/Home Lift

(3) Sensory Items

(4) Mobility Assistance Aids
Bath-boards
Lifting aids
Grab rails
Hoists
Swing away grab rails
Shower chairs
Toilet Raiser

Notwithstanding the above, the Chairman, can approve assistance for those works which are not indicated in Clause 10.

(b) Payments are made upon presentation of fiscal receipts and invoices of the works carried out.

(c) The Cash Assistance shall not be awarded by the Authority if all permits required by law are not obtained.

(d) The financial assistance for adaptation works approved under this scheme shall not exceed the total reasonable costs of the works to be carried out and approved by the Authority and in each case shall not exceed as indicated hereunder:

(1) in the case of works in bathrooms, the sum shall not exceed the sum of €5,400;

(2) in the case of Sensory Items, the sum shall not exceed the sum of €6,000;

(3) fil-każ ta' lifting aids, hoists, grab rails, swing away grab rails u shower chair, il-massimu m'għandux jeċċedi s-somma ta' €3,000;

(4) fil-każ ta' lifts fi blokki ta' appartamenti privati fejn ikun hemm persuna b'diżabbiltà jingħata l-ammont relatat mas-sehem tal-applikant għall-installazzjoni tal-lift sa massimu ta' €7,000;

(5) fil-każ ta' lifts fi djar privati fejn ikun hemm persuna b'diżabbiltà, il-massimu m'għandux jeċċedi s-somma ta' €20,000;

(6) fil-każ ta' xogħlijiet ta' stairlift u platform lifts, il-massimu m'għandux jeċċedi s-somma ta' €7,000;

Fil-każ ta' installar ta' stairlifts ġewwa blokki proprjetà tal-Gvern/Awtorità tad-Djar, l-Awtorità żżomm d-dritt li tapprova aktar minn stairlift wieħed fl-sulari differenti sabiex il-blokk jiġi aċċessibbli għal-bżonnijiet tar-residenti. Oltre dan, l-Awtorità tad-Djar tirriserva d-dritt li tapprova l-ammont kollu tal-istairlift meta dan jeċċedi s-€7,000.

11. Kundizzjonijiet għall-Assistenza

(i) L-Awtorità tad-Djar għandha d-dritt li tirreġistra favur tagħha Ipoteka Ġenerali skont il-liġi fejn tkun ingħatat għotja għall-installar ta' lifts fi djar privati, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet oħra skont il-liġi u dan biex tikkawtela r-riimborz tal-għajnuna kif ukoll it-tħaris tal-obbligi kollha tal-benefiċjarji. F'każ li l-persuna ma tkunx tista' tidher għall-ftehim minħabba d-diżabbiltà, persuna tal-fiduċja tagħha tista' tidher għaliha sakemm tiġi provduta Prokura.

(ii) F'każ li x-xogħol li jrid isir, se jsir f'dar li mhix proprjetà tal-applikant, l-applikant huwa responsabbli li jottjeni l-permessi kollha neċessarji mis-sid ħalli jagħmel it-tibdil u x-xogħlijiet meħtieġa. Ikun obbligu tal-inkwilin li jara li l-bidliet u tiswijiet li jkun irid li jsiru ma jippreġudikawx bl-ebda mod it-titolu ta' inkwilinat jew ċens jew kull titlu li bih hu jkun qed jokkupa l-fond. L-Awtorità tad-Djar ma tkunx responsabbli bl-ebda mod għal telf ta' titlu li jipproteġi lill-applikant minħabba xi xogħol li jista' jsir jew ikun sar taħt din l-iskema. Jiġi rilevat ukoll li kull xogħol li jkun qed isir taħt din l-iskema jkun qed isir mill-applikant u mhux mill-Awtorità li b'din l-iskema tkun qiegħda biss tissussidja l-prezz tax-xogħlijiet. Għalhekk ukoll l-Awtorità ma tkunx bl-ebda mod responsabbli għat-tiswijiet u xogħlijiet li jkunu qegħdin isiru jew li jkunu saru. Din ir-responsabbilità taqa' biss fuq l-applikant.

12. Ħlas tal-Għajnuna Finanzjarja

L-għajnuna finanzjarja tingħata wara li l-applikant jipprovdi riċevuti fiskali u invoices tax-xogħlijiet magħmula

(3) In the case of mobility assistance aids, the sum shall not exceed the sum of €3,000;

(4) In case of Lifts in private blocks of apartments where there is a person with disability, assistance is given in terms of the share of the applicant and the sum shall not exceed €7,000;

(5) In case of Lifts in private houses of disabled people the sum shall not exceed €20,000;

(6) In case of Stairlift and platform lifts the sum shall not exceed €7,000;

In the case of stairlift installation within blocks owned by the Government/Housing Authority, the Authority reserves the right to approve more than one stairlift in separate floors, in order to render the block fully accessible to the needs of the residents. In addition, the Housing Authority reserves the right to approve the full amount of a stairlift even when the amount exceeds the amount of €7,000.

11. Conditions for Assistance

(i) The Authority is entitled to register a General Hypothec according to law in those case where a passenger lift in private houses is installed, without prejudice to other rights at law and this to guarantee the refund of the cash assistance as well as the observance of all the conditions by the beneficiary. In the event that the person is unable to appear for the agreement due to disability, a person of his trust may appear on his behalf as long as a Power of Attorney is provided.

(ii) Where the works applied for, are to be affected in a house that is not owned by the applicant, the latter shall be solely responsible to obtain the necessary permits from the owner to effect such works and changes. It shall be the responsibility of the applicant to ensure that the necessary works and changes shall not prejudice in any way the title of lease, emphyteuses or any other title that sustains his possession and occupation of the house. The Authority shall not be responsible if the applicant loses his title due works or changes carried out under this scheme. It is noted that any works effected by virtue of this scheme shall be deemed to be works effected by the applicant and not by the Authority that shall be merely subsidising the price of the works. Thus, the Authority shall not be responsible for the works done, which responsibility shall fall solely on the applicant.

12. Payment of Financial Assistance

The financial assistance will be paid following the submission of fiscal receipts and invoices of the works

kif indikat fl-iskema u l-applikazzjoni. Ix-xogħlijiet iridu jitlestew fi żmien sena mid-data tal-approvazjoni maħruġa mill-Awtorità tad-Djar lill-applikanti.

13. Kontrolli Każwali

Waqt li l-Awtorità tad-Djar mhix se tagħmel spezzjonijiet f'kull residenza tal-applikanti taħt din l-iskema, l-Awtorità tad-Djar iżżomm id-dritt li tagħmel numru ta' kontrolli każwali kemm biex jiġi verifikat li l-applikanti għadhom jirrisjedu fil-proprjetà li fuqha ibbenefikaw għal għotja kif ukoll biex jiġi verifikat li ġew installati x-xogħolijiet kollha approvati u mħallsa mill-Awtorità tad-Djar.

14. Piena għal Dikjarazzjoni Falza

Jekk f'xi żmien jirriżulta li l-applikanti jkunu għamlu dikjarazzjoni falza jew taw informazzjoni u dokumenti mhux korretti għall-finijiet tal-applikazzjoni, mingħajr preġudizzju għal xi piena li huma jkunu setgħu saru suġġett għaliha taħt xi liġi oħra, l-applikanti jkunu suġġetti għall-pagament lill-Awtorità ta' penali li tkun ekwivalenti għas-somma totali ta' kull sussidju li minnu jkunu bbenefikaw l-applikanti taħt din l-iskema. Huma jkunu wkoll skwalifikati għall-perjodu ta' ħames (5) snin milli jibbenefikaw taħt xi skema magħmula bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għad-Djar, u jitilfu d-dritt għal xi sussidji taħt din l-iskema.

Dikjarazzjonijiet/dokumenti skorretti jew foloz jistgħu jesponu lill-applikanti għal proċeduri kriminali.

15. Vakar tar-Residenza li fuqha qed tingħata Għajnuna u Riimborz tal-Għajnuniet f'Għotja għat-Titjib

(i) Id-dar ta' abitazzjoni li fuqha ngħatat għajnuna taħt din l-iskema, għandha tiġi okkupata u użata minn sidien jew inkwilin esklussivament bħala r-residenza ordinarja tagħhom għal perjodu ta' mhux anqas minn għaxar snin mid-data tal-pagament finali tax-xogħljiet approvati taħt din l-iskema. F'każ ta' sidien, id-dar ta' residenza li fuqha ngħatat għajnuna taħt din l-iskema ma tistax tiġi trasferita taħt titolu Inter Vivos qabel l-għeluq tal-għaxar snin mill-pagament finali tax-xogħlijiet approvati taħt din l-iskema.

Minkejja dak li jingħad fuq, l-Awtorità tista' fid-diskrezzjoni assoluta tagħha u dan biss fiċ-ċirkustanzi eċċezzjonali biex tevita jew tnaqqas tbatija lill-benefiċjarji tad-dar li fuqha ngħatat assistenza taħt din l-iskema, tagħti l-kunsens tagħha għall-vakar ta' din id-dar qabel l-għeluq tal-għaxar snin, suġġett għall-kundizzjonijiet li tħoss xieraq, inkluż, mingħajr preġudizzju għal dak li jingħad fl-iskema, il-kundizzjoni li jsir riimborz tal-għajnuna mogħtija lill-benefiċjarji u dan bla preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ngħad f'din l-iskema.

indicated in the scheme and application. Works have to be completed within a year from the date of the approval letter issued by the Housing Authority to the applicant.

13. Random Checks

While the Housing Authority will not carry out inspections at every residence of applicants under this scheme, the Housing Authority reserves the right to carry out a number of random checks both to verify that applicants are still residing in the property on which they benefited from a grant and to verify that all works approved and paid for by the Housing Authority have been carried out.

14. Penalty for False Declaration

If at any time it results that applicants have made a false declaration or given incorrect information/documents for the purposes of this application, without prejudice to any penalty for which they may have become liable under any other law, applicants shall be liable to the payment to the Authority of a fine equivalent to the sum total of any subsidy from which applicants have benefited under the provisions of the Scheme. They will also be disqualified for a period of five (5) years from benefiting from any scheme made with the approval of the Minister responsible for Housing, and shall forfeit the right to any subsidy under this Scheme.

Incorrect or false declaration/documents may also lead the applicant to the commencement of criminal procedures against him.

15. Vacation of Premises on which a Subsidy has been granted and Repayment of Cash Assistance

(i) A dwelling house on which assistance has been granted under this Scheme shall be used and occupied by the owners/tenants exclusively as their ordinary residence for a period of not less than ten years from the date of the final payment on works carried out under this scheme. In the case of owners, a dwelling house on which assistance has been granted under this Scheme shall not be transferred under any title inter vivos before the lapse of ten years from the final payment on works carried out under this scheme.

Notwithstanding the above, the Authority may in its absolute discretion and only in exceptional circumstances, in order to avoid or alleviate hardship to any beneficiary of a dwelling house on which assistance has been given under this Scheme, give its consent to the vacation of the dwelling house prior to the lapse of ten years, subject to any condition it may deem appropriate, including without prejudice to the generality of this scheme, a condition to refund any assistance granted and enjoyed by the beneficiary.

Barra minn każ ta' trasmissjoni causa mortis, f'każ li tali dar f'kull waqt tiġi trasferita inter vivos, jew f'każ li d-dar ma tibqax fil-pussess u/jew okkupata mill-benefiċarju qabel l-għeluq tal-għaxar snin mid-data tal-pagament finali tax-xogħlijiet approvati taħt din l-iskema, l-għotja mogħtija trid tiġi rifuża lura lill-Awtorità tad-Djar fl-intier tagħha.

(ii) Suġġett għad-dispożizzjoni ta' paragrafu (i) ta' din il-klawsola, kull dar li fuqha tingħata għajnuna taħt din l-iskema ma tistax tiġi trasferita taħt l-ebda titolu, barra bi trasferiment causa mortis. Sakemm meta t-trasferiment tad-dar li fuqha ngħatat għajnuna taħt din l-iskema isir, il-benefiċjarji għandhom jagħtu lill-Awtorità avviż ta' xahar rigward l-intenzjoni li jittrasferixxu l-imsemmija dar u l-Awtorità tittermina minnufih kull arranġament għas-sussidji taħt din l-iskema.

(iii) Barra minn każ ta' trażmissjoni causa mortis, fejn ġie installat stairlift jew lift ġo dar li fuqha ngħatat għajnuna taħt din l-iskema u tali dar se tiġi trasferita taħt kull titolu, l-ammont f'għotja li jrid jiġi mħallas lill-Awtorità tad-Djar ikun kif jirriżulta mit-Tabelli ta' hawn taħt:

F'każ ta' Stairlift

Żmien fi Snin wara d-Data tal-Pagament Finali	Ħlas Lura ta' Sussidju
Sal-1 sena	90%
Bejn l-1 u t-2 sena	70%
Bejn it-2 u t-3 sena	50%
Bejn it-3 u r-4 sena	30%
Bejn ir-4 u l-5 sena	10%
Wara il-5 sena	Ma jitħallas xejn lura

F'każ ta' Lifts

Żmien fi Snin wara d-Data tal-Pagament Finali	Ħlas Lura ta' Sussidju
Sal-10 sena	100%
Bejn l-11 u t-12-il sena	90%
Bejn it-12 u t-13-il sena	70%
Bejn it-13 u l-14-il sena	50%
Bejn l-14 u l-15-il sena	30%
Wara il-15-il sena u aktar	10%

(iv) Il-provvedimenti tas-subklawsola (i) u (ii) u (iii) ta' dan l-artikolu għandu japplika mutatis mutandis meta l-benefiċjarju ma jibqax jabita fid-dar fejn sar ix-xogħol bl-għajnuna ta' din l-iskema bħala r-residenza ordinarja tiegħu.

Except in case of transmission Causa Mortis, in case the dwelling house on which assistance has been granted under this Scheme is transferred under any title inter vivos, or will not remain in possession and/or occupied by the beneficiary prior to the lapse of ten years from the date of the final payment on works carried out under this scheme, the grant given under this scheme should be fully refunded to the Authority.

(ii) Subject to the provisions of paragraph (i) of this Article, any dwelling house on which assistance has been given under this Scheme shall not be transferred under any title, other than by transmission causa mortis. Where the transfer of the dwelling house on which assistance has been granted under this Scheme is to take place, the beneficiary shall give to the Authority one month notice of his intention to transfer the said dwelling house and the Authority shall thereupon terminate any arrangement for the subsidy under the scheme.

(iii) Except in case of transmission Causa Mortis, if the stairlift/lift is installed in a dwelling house on which a grant was provided under this scheme, and the dwelling house is to be transferred under any title, the refund due to the Authority should be as shown in tables below:

In case of Stairlift

Period After Final Payment of grant	Refund of Subsidy
Up to 1 year	90%
Between 1st and 2nd year	70%
Between 2nd and 3rd year	50%
Between 3rd and 4th year	30%
Between 4th and 5th year	10%
After 5th year	No Refunds

In case of Lifts

Period After Final Payment of grant	Refund of Subsidy
Up to 10th year	100%
Between 11th and 12th year	90%
Between 12th and 13th year	70%
Between 13th and 14th year	50%
Between 14th and 15th year	30%
After the 15th year and over	10%

(iv) The provisions of sub-clauses (i), (ii) and (iii) of this article shall also apply mutatis mutandis when the beneficiary does not continue to occupy the dwelling house on which assistance has been given under this Scheme as his ordinary residence.

16. Dritt ta' Rifjut ta' Applikazzjoni

Minkejja kull ħaġa li tinsab fid-dispożizzjonijiet ta' din l-iskema, l-Awtorità għandha d-dritt fid-diskrezzjoni assoluta tagħha li tirrifjuta kull applikazzjoni u d-deċiżjoni tagħha tkun finali.

L-Awtorità għandha l-jedd li twaqqaf u/jew tirtira din l-iskema kif ukoll tibdel il-kundizzjonijiet tagħha f' kull każ anke b'mod retroattiv u ebda persuna għalhekk m'għandha tqis li din l-iskema tagħtiha xi dritt akkwiżit. U tali bdil ma jesponix lill-Awtorità għal xi azzjoni għad-danni. Applikazzjoni li tkun ġiet milqugħa tista' wara tiġi rifjutata jekk ikunu ġew mibdula l-kundizzjonijiet tal-iskema wara l-ilqugħ tal-applikazzjoni.

17. Validità tal-Iskema

Din l-iskema tibqa' in vigore għal perjodu ta' sena mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Gazzetta tal-Gvern u tkun imġedda awtomatikament għal perjodu ta' sena oħra sakemm ma jiġix ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern avviż li jtemm l-iskema.

18. Interpretazzjoni

F'kull każ qed jiġi ribadit li f'każ ta' diverġenza bejn it-test Malti u dak Ingliż, it-test Malti għandu jipprevali.

19. Emendi għall-Iskema

L-Awtorità żżomm id-dritt li tagħmel kwalunkwe emenda neċessarja għal din l-iskema billi tippubblika dawn l-emendi fil-Gazzetta tal-Gvern. Tali emendi jistgħu jsiru anke biex japplikaw b'mod retroattiv. Ebda emenda ma tista' tesponi lill-Awtorità għal xi azzjoni ta' danni jew għal xi azzjoni legali oħra.

It-13 ta' Mejju, 2025

FORZI ARMATI TA' MALTA

Eżerċizzju fil-Baħar ta' Gunex maritime

Il-Forzi Armati ta' Malta jgħarraf li l-eżerċizzju fil-baħar tal-Gunex maritime ġie pospost sakemm ikun hemm avviż ieħor.

It-13 ta' Mejju, 2025

16. Right of refusal

Notwithstanding anything contained in the foregoing provisions of this Scheme, the Authority shall have the right, at its absolute discretion, to refuse any application and its decision will be final and not subject to scrutiny.

The Authority shall have a right to stop and, or withdraw this scheme and it shall have the right to change its conditions even retrospectively and thus this scheme does not bestow acquired rights. Such change shall not make the Authority subject to any action for damages. An application that has been accepted may be withdrawn and, or refused if the conditions of the scheme are changed after the acceptance of the application.

17. Duration of Scheme

This Scheme shall remain in force for a period of one year from the date of its publication in the Government Gazette, and shall be automatically renewed for further period of a year unless a Notice to the contrary is published in the Government Gazette indicating that the scheme has been withdrawn.

18. Interpretation

In case the Maltese text differs from the English text, the Maltese text will prevail.

19. Amendment of Scheme

The Authority shall have the right to make any amendments to this Scheme by publication of the said amendments in the Government Gazette. Such amendments may be made applicable retroactively. No amendments shall subject the Authority to an action for damages or any other legal action.

13th May, 2025

ARMED FORCES OF MALTA

Gunex maritime exercise at sea

The Armed Forces of Malta notifes that Gunex maritime exercise at sea, is being postponed until further notice.

13th May, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sal-21 ta' Mejju, 2025, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2556 4134 bejn is-7.30 a.m. sa nofsinhar, jew permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by 21st May, 2025, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained by telephone number 2556 4134 between 7.30 a.m. and noon, or by sending an email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru ta' Reġistrazzjoni/ Chassis *Registration/Chassis Number*	Lokalità ta' tneħħija *Locality of removal*
Subaru	Impreza	Ikħal	WRX219	San Ġiljan
Mazda	Demio	Ikħal	DCU667	Ħal Qormi
Piaggio	Liberty	Abjad	BCH367	Il-Gżira
Range Rover	Velar	Griż	ANA700	In-Naxxar
Ford	Focus	Iswed	CBX643	In-Naxxar
Volvo	XC90	Iswed	0380CK	Għawdex
AUDI	A6	Aħdar	ER G8910	Għawdex
Toyota	Spacio	Abjad	LCM036	Ħal Luqa
Peugeot	308	Aħdar	MQZ594	Ix-Xgħajra
Honda	Accord	Griż	FBX617	Ħal Tarxien
Daihatsu	Sirion	Ikħal	IBD774	Il-Gudja
Renault	Megane	Iswed	KBT539	Il-Gżira
Maruti	800	Abjad	HBA185	San Pawl il-Baħar
Toyota	Vitz	Ikħal	NES271	Ħaż-Żabbar
Nissan	Qashqai	Aħmar	ECB898	L-Imsida
Volkswagen	EOS	Ikħal	ACH651	Ħal Qormi

KUNSILL LOKALI L-IKLIN

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Iklin jgħarraf nhar il-Ġimgħa, 16 u s-Sibt, 17 ta' Mejju, 2025, jgħarraf li Triq Ninu Cremona, Triq Ġużè Ellul Mercer, u Triq Dun Karm (service road) għall-parkeġġ u t-traffiku.

It-13 ta' Mejju, 2025

JOBSPLUS

Espressjoni ta' Interess (EOI)
Ref. EOI/JP/01/25

Espressjoni ta' Interess għal servizz mediku lil Jobsplus fi ħdan l-Inclusive Employment Services Unit. Individwi jew kumpaniji rikonoxxuti jistgħu jissottomettu l-interess tagħhom skont is-sejħa. Id-dettalji ta' din is-sejħa jstgħu jinkisbu mis-sit elettroniku ta' Jobsplus (bit.ly/eoi-may)

Dawk interessati għandhom jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 23 ta' Mejju, 2025 f'nofsinhar.

It-13 ta' Mejju, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 14 ta' Mejju, 2025.

ERU0805U25 – Devices
ERU0805U25 – Medicinal
ERU0805U25A – Devices
ERU0805U25B – Devices
ERU0805U25C – Medicinal
ERU0805U25D – Medicinal
ERU0805U25E – Medicinal
ERU0805U25F – Medicinal
ERU0805U25G – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-13 ta' Mejju, 2025

IKLIN LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Iklin Local Council notifies that from Friday, 16th to Saturday, 17th of May, 2025, Triq Ninu Cremona, Triq Ġużè Ellul Mercer and Triq Dun Karm (service road) shall be closed to parking and traffic.

13th May, 2025

JOBSPLUS

Expression of Interest (EOI)
Ref. EOI/JP/01/25

Jobsplus is seeking to engage the provision of medical services within the Inclusive Employment Services Unit. Interested individuals or companies can submit their interest according to such call. The details of this call can be found on the Jobsplus website (bit.ly/eoi-may).

Those interested are to send their applications by not later than Friday, 23rd May, 2025, till noon.

13th May, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 14th May, 2025.

ERU0805U25 – Devices
ERU0805U25 – Medicinal
ERU0805U25A – Devices
ERU0805U25B – Devices
ERU0805U25C – Medicinal
ERU0805U25D – Medicinal
ERU0805U25E – Medicinal
ERU0805U25F – Medicinal
ERU0805U25G – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

13th May, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 15 ta' Mejju, 2025.

ERU0905U25 – Translations
ERU0905U25 – Medicinal
ERU0905U25A – Medicinal
ERU0905U25B – Medicinal
ERU0905U25C – Medicinal
ERU0905U25D – Medicinal
ERU0905U25E – Medicinal
ERU0905U25F – Medicinal
ERU0905U25G – Medicinal
ERU0905U25H – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-13 ta' Mejju, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 3 ta' Ġunju, 2025. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 020-3514/25. Provvista ta' '3-5 percent red cell reagents for the HBB-reissue'
CFT 009-3515/25. Provvista ta' materjal tal-bini
CFT 021-3516/25. Provvista ta' Heparin Sodium 1,000 IU solution for injection
CFT 021-3517/25. Provvista ta' Clonidine Hydrochloride tablets
CFT 021-3518/25. Provvista ta' Frusemide 40mg tablets
CFT 021-3519/25. Provvista ta' Dipyridamole 25mg tablets/capsules
CFT 020-3521/25. Provvista ta' micra toothed and non-toothed forceps
CFT 021-3522/25. Provvista ta' Diamorphine Hydrochloride 5mg injection
CFT 021-3523/25. Provvista ta' Morphine Sulfate/ Hydrochloride 60mg tablets

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Thursday, 15th May, 2025.

ERU0905U25 – Translations
ERU0905U25 – Medicinal
ERU0905U25A – Medicinal
ERU0905U25B – Medicinal
ERU0905U25C – Medicinal
ERU0905U25D – Medicinal
ERU0905U25E – Medicinal
ERU0905U25F – Medicinal
ERU0905U25G – Medicinal
ERU0905U25H – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

13th May, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministry for Health and Active Ageing, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 3rd June, 2025, Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the:

CFT 020-3514/25. Supply of 3-5 percent red cell reagents for the HBB-reissue
CFT 009-3515/25. Supply of building materials
CFT 021-3516/25. Supply of Heparin Sodium 1,000 IU solution for injection
CFT 021-3517/25. Supply of Clonidine Hydrochloride tablets
CFT 021-3518/25. Supply of Frusemide 40mg tablets
CFT 021-3519/25. Supply of Dipyridamole 25mg tablets/ capsules
CFT 020-3521/25. Supply of micra toothed and non-toothed forceps
CFT 021-3522/25. Supply of Diamorphine Hydrochloride 5mg injection
CFT 021-3523/25. Supply of Morphine Sulfate/ Hydrochloride 60mg tablets

CFT 021-3524/25. Provvista ta' Morphine Sulfate/ Hydrochloride 10mg tablets

CFT 020-3525/25. Provvista ta' anterior vitrectomy probes 23GA

CFT 021-3526/25. Provvista ta' 'L-serine food for special medical purposes'

CFT 021-3527/25. Provvista ta' 'proton pump inhibitor for administration via a stomach tube'

CFT 021-3528/25. Provvista ta' sunscreen SPF 50+

CFT 020-3529/25. Provvista ta' 'steerable hydrophilic wires for distal neurovascular anatomy'

CFT 021-3530/25. Provvista ta' urea 10% cream/lotion

CFT 022-3531/25. Provvista ta' ħalib frisk pasturizzat għas-Servizzi tas-Saħħa Mentali

CFT 022-3532/25. Provvista ta' instant coffee għas-Servizzi tas-Saħħa Mentali

CFT 004-3533/25. 'Temperature mapping exercise showing metrological traceability in accordance with requirements of ISO17025 (2017 or latest) for freezers with temperature range between minus 60 and minus 90 degrees celsius'

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Irreġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQs tal-istess sit.

It-13 ta' Mejju, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Iċ-Chief Executive Officer – CPSU (Sourcing and Supplies Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu sottomissjonijiet elettroniċi għal Preliminary Market Consultation (PMC) rigward l-avviż li ġej sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju, 2025.

PMC Ref. Nru PMC#21-6508/25. Provvista ta' Fully automated Analyser for TB-IGRA għad-Dipartiment tal-Patoloġija.

Dokumenti tal-Preliminary Market Consultation jinkisbu mingħajr ħlas u l-informazzjoni għandha tintbagħat BISS online lil (www.etenders.gov.mt).

It-13 ta' Mejju, 2025

CFT 021-3524/25. Supply of Morphine Sulfate/ Hydrochloride 10mg tablets

CFT 020-3525/25. Supply of anterior vitrectomy probes 23GA

CFT 021-3526/25. Supply of L-serine food for special medical purposes

CFT 021-3527/25. Supply of proton pump inhibitor for administration via a stomach tube

CFT 021-3528/25. Supply of sunscreen SPF 50+

CFT 020-3529/25. Supply of steerable hydrophilic wires for distal neurovascular anatomy

CFT 021-3530/25. Supply of urea 10% cream/lotion

CFT 022-3531/25. Supply of fresh pasteurised milk for Mental Health Services

CFT 022-3532/25. Supply of instant coffee for Mental Health Services

CFT 004-3533/25. Temperature mapping exercise showing metrological traceability in accordance with requirements of ISO17025 (2017 or latest) for freezers with temperature range between minus 60 and minus 90 degrees celsius

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

13th May, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Chief Executive Officer – CPSU (Sourcing and Supplies Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing notifies that:

Electronic submission of information for Preliminary Market Consultation (PMC) in respect of the following notice will be received up to 10.00 a.m. of the Friday, 13th June, 2025.

PMC Ref. No. PMC#21-6508/25. Supply of fully automated analyser for TB-IGRA for the Pathology Department.

Preliminary Market Consultation documents are available free of charge and information is to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt).

13th May, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Iċ-Chief Executive Officer (Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva), jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sal-10.30 a.m. tat-Tlieta, 3 ta' Ġunju, 2025. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 019-3520/25. Provvista u konsenja ta' library preparation kits għal CCRE surveillance by WGS għad-Dipartiment tal-Patoloġija fl-Isptar Mater Dei.

Dan id-dokument tal-offerta huwa mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerta jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-e-ID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal- offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-13 ta' Mejju, 2025

Kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea

KUNSILL LOKALI Ż-ŻURRIEQ

Il-Kunsill Lokali ż-Żurrieq jgħarraf li:

Sejħiet għall-offerti jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali ż-Żurrieq permezz tal-ePPS sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju, 2025, għal:

Avviż Nru KLZ 67/01/2025. Servizzi ta' electrician.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

13th May, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Chief Executive Officer (Central Procurement and Supplies Unit, Ministry for Health and Active Ageing) notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notice will be received up to 10.30 a.m. on Tuesday, 3rd June, 2025. Tenders are to be submitted ONLY online on www.etenders.gov.mt for:

CFT 019-3520/25. Supply and delivery of library preparation kits for CCRE surveillance by WGS for the Pathology Department at Mater Dei Hospital

This tender document is free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System www.etenders.gov.mt. Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified in the tender document.

13th May, 2025

Co-funded by the European Union

ŻURRIEQ LOCAL COUNCIL

The Żurrieq Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Żurrieq Local Council through ePPS, up to 11.00 a.m. on Tuesday, 17th June, 2025, for the:

Advt No. KLZ 67/01/2025. Services of an electrician.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

13th May, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1187

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-30 ta' April, 2025, u dan wara Rikors b'numru 415/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-annotazzjoni jew korrezzjoni neċessarji fl-Att tat-Twelid bin-numru 2728/1968, biex fil-kolonna 'Ismijiet mogħtija' l-isem 'Anna Luisa' jiġi sostitwit għal 'Anneliese' filwaqt li fil-kolonna 'Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ', l-isem 'Anna Liese' (Anna Luisa) jiġi sostitwit għal 'Annaliese' u finalment sabiex l-isem 'Anna Liese' (Anna Luisa) jiġi sostitwit għal 'Annaliese' ukoll fuq l-Att taż-Żwieġ bin-numru 595/1990 fejn ir-rikorrenti tidher bħala l-mara, kif ukoll fuq l-Atti tat-Twelid tat-tfal tar-rikorrenti bin-numri 2852/1996 u 1536/2000 fejn hija tidher bħala l-omm.

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 30th April, 2025, and upon an application numbered 415/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary annotation or correction in the Act of Birth number 2728/1968, so that in the column 'Names Given' the name 'Anna Luisa' is replaced with 'Anneliese', while in the column 'Name or names by which child is to be called', the name 'Anna Liese' (Anna Luisa) is replaced with 'Annaliese', and finally so that the name 'Anna Liese' (Anna Luisa) is also replaced with 'Annaliese' on the Act of Marriage number 595/1990 where the applicant appears as the wife, as well as on the Acts of Birth of the applicant's children with numbers 2852/1996 and 1536/2000 where she appears as the mother.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tlieta 6 ta' Mejju, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Today Tuesday 6th May, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1188

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-30 ta' April, 2025, u dan wara Rikors b'numru 250/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-annotazzjoni jew korrezzjoni neċessarja fl-Att tat-Twelid bin-numru 2802/2022, biex kull fejn jidher il-kunjom 'Weso' dan jiġi korrett għall-kunjom 'Ueso'.

IT IS hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 30th April, 2025, and upon an application numbered 250/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary annotation or correction in the Act of Birth number 2802/2022, so that wherever the surname 'Weso' appears, it is corrected to the surname 'Ueso'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tlieta 6 ta' Mejju, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Today Tuesday 6th May, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1189

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-6 ta' Settembru, 2024, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Anthony Muscat.

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 6th September, 2024, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on Anthony Muscat in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Deckor Limited (C82854) ta' 114, Deckor, Triq il-Wied, Birkirkara, ippreżentaw Talba, fis-27 ta' Awwissu, 2024, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Anthony Muscat (KI 7379M) ta' 48, Autumn Leaves, Flat 2, Triq il-Ballut, Ħ'Attard, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2678.18, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż numru 233/2024CL) hija differita għall-21 ta' Mejju, 2025, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 8 ta' Mejju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Deckor Limited (C-82854) of 114, Deckor, Triq il-Wied, Birkirkara, filed a Claim on the 27th August, 2024, whereby they asked the Tribunal to condemn Anthony Muscat (ID 7379M) of 48, Autumn Leaves, Flat 2, Triq il-Ballut, Ħ'Attard, to pay the plaintiff company the sum of €2678.18, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim number 233/2024CC) is deferred on the 21st May, 2025, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 8th May, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1190

ARB/C039/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-2 ta' Mejju, 2025, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Edwina Grima, LLD).

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

JOSEPH MUSCAT;

KONRAD MIZZI;

KEITH SCHEMBRI;

CLARENCE JOHN CONGER-THOMPSON;

CHRISTOPHER SPITERI;

JONATHAN VELLA;

DAVID-JOSEPH MELI, avukat, ta' 42 sena, iben Joseph Meli u Marion Meli xebba Glanville, imwieled Tal-Pietà, Malta fl-1 ta' Mejju, 1983, u residenti f'60, Flat 6, Triq Windsor, Tas-Sliema, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 253583M.

IVAN VASSALLO;

MARIO VICTOR GATT;

BRIAN BONDIN;

ADRIAN HILLMAN;

ARB/C039/2024 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 2nd May, 2025, given by the Criminal Court (the Hon. Madam Justice Dr Edwina Grima, LLD).

The Republic of Malta

Versus

JOSEPH MUSCAT;

KONRAD MIZZI;

KEITH SCHEMBRI;

CLARENCE JOHN CONGER-THOMPSON;

CHRISTOPHER SPITERI;

JONATHAN VELLA;

DAVID-JOSEPH MELI, lawyer, 42 years, son of Joseph Meli and Marion Meli née Glanville, born in Tal-Pietà, Malta on the 1st May, 1983, and residing at 60, Flat 6, Triq Windsor, Tas-Sliema, and holder of Maltese identity card bearing number 253583M.

IVAN VASSALLO;

MARIO VICTOR GATT;

BRIAN BONDIN;

ADRIAN HILLMAN;

PIERRE SLADDEN;

BRIAN TONNA;

KARL CINI;

SCIACCA GRILL LIMITED;

KASCO ENGINEERING COMPANY LIMITED;

FSV LIMITED;

MTRACE PLC;

GATEWAY SOLUTIONS LIMITED;

TECHNOLINE LIMITED;

EURYBATES LIMITED;
TAOMAC LIMITED;

U

NEXIA BT LIMITED;

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-Awtorità tad-Djar sabiex tiddepożita s-somma ta' €5,362.75 dovuti lill-imputat DAVID-JOSEPH MELI fil-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat li jispiċċa -7158 u miżmum mal-Bank of Valletta plc. B'dan illi l-imsemmija flejjes għandhom jibqgħu suġġetti għall-ordni ta' qbid u ffriżar.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD), fit-28 ta' Mejju, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-4 ta' Ġunju, 2024, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Joseph Muscat, Konrad Mizzi, Keith Schembri, Clarence John Conger-Thompson, Christopher Spiteri, Jonathan Vella, DAVID-JOSEPH MELI, Ivan Vassallo, Mario Victor Gatt, Brian Bondin, Adrian Hillman, Pierre Sladden, Brian Tonna, Karl Cini, Sciacca Grill Limited, Kasco Engineering Company Limited, FSV Limited, MTrace plc, Gateway Solutions Limited, Technoline Limited, Eurybates Limited, Taomac Limited, u Nexia BT Limited.

Illum 12 ta' Mejju, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

PIERRE SLADDEN;

BRIAN TONNA;

KARL CINI;

SCIACCA GRILL LIMITED;

KASCO ENGINEERING COMPANY LIMITED;

FSV LIMITED;

MTRACE PLC;

GATEWAY SOLUTIONS LIMITED;

TECHNOLINE LIMITED;

EURYBATES LIMITED;
TAOMAC LIMITED;

AND

NEXIA BT LIMITED;

The Court AUTHORISES the Housing Authority to deposit the sum of €5,362.75 owed to the accused DAVID-JOSEPH MELI into the bank account registered in the name of the accused ending in -7158 and held at the Bank of Valletta plc. Provided that the mentioned funds shall remain subject to the seizing and freezing order.

